**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03

**27 t' Awissu 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 27 t' Awissu 2024 fil-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**NIL**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 03 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **03.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **03.01.01** | Ma kienx hemm. |
| **03.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 03.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 02, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar u ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Anthony Bonavia. |
| **03.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 03.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar l-applikazzjoni tad-DNO 1007/24 li ntbagħtet mill-perit tal-kunsill kif talbu mill-awtorita tal-ippjannar sabiex issiru l-bollards tax-xatt. Il-Kunsill Lokali tal-Isla qiegħed f'kommunikazzjoni mal-perit u mal-kuntrattur AIS Technologies sabiex jiġi implimentat dan il-proġett ta' Safety Road Management. |
| 03.03.02 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li ser issir il-Clean UP day fil-31 t' Awissu 2024 sabiex kulħadd jipparteċipa. |
| 03.03.03 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar il-laqgħa u l-kommunikazzjoni permezz ta'imejls mas-Sur Jason Allen dwar ir-replika tal-festa li ser issir fl-24 t' Ottubru 2024 fejn ser tingħalaq Triq il-Vitorja minn fejn il-kazon tal-banda sal-Gardjola u ser ikun hemm stalls ta' artiġjanat, ikel u xorb. Permessi meħtieġa kollha mid-dipartiment tal-puluzija. Is-Sur Allen xtaq li l-kunsill jiprovdi lapels tal-kunsill tal-Isla fejn ser jiġu imħallsa mis-Sur Allen. |
| 03.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kienu mistiedna mill-każin tal-PN għall-bibita għall-okazzjoni tal-festa fl-4 ta' Settembru. |
| 03.03.05 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li TM bagħat żewġ ittri fis-26 t' Awissu 2024dwar tibdil tal-ħinijiet għall-un/loading mit-Tnejn sas-Sibt mis-7:00am sa 12:00pm u mill-4.00pm sas-6.00pm fi Triq l-Arċisqof Mattei għas-Senglea Discount Store. Il-Kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda' oġġezzjoni. |

| | |
|---|---|
| | Is-sindku qara ittra oħra mibgħuta mit-TM dwar *Reserved Parking Bay* mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-7.45 am sal-4.30pm u fis-sajf mis-7.30 am sal-1.30pm għall-Aġenzija Support Day Centre fi Triq il-Ħabs l-Antik. Il-Kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezzjoni għal dan il-parkeġġ. |
| 03.03.06 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar talba li rċieva l-kunsill għall-użu tal-Gardjola għall-fund raising *Journey to Mobility*. Il-Gardjola ser tintuża għall dan il-għan mis-6.30 pm sad-9.30pm fis-27 ta' Settembru 2024. |
| 03.03.07 | Is-Sindku qara imejl datata 8 t' Awissu 2024 dwar kompetizzjoni tas-Sajd fil-kottonera organizzata mill-KingFisher Sport Fishing Association għaqda volontarja li torganizza sajd sportiv mill-art fejn il-kunsilli tal-kottonera ser jikollaboraw ma dan il-kampjonat. Is-Sindku issuġġerixxa li jinħarġu 250 ewro bħala kollaborazzjoni ma dan il-kampjonat għax-xiri ta' midalji jew trofew. |
| 03.03.08 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li Boiler Wharf bħala parkeġġ għaż-żmien tal-festa din is-sena ser jintuża għall-bandisti biss. |
| 03.03.09 | Is-Sindku ikkomunika li l-permessi tal-festa huma kollha approvati u l-puluzija huma infurmati. |
| 03.03.10 | Is-Sindku ressaq invit lil-kunsilliera preżenti min jixtieq jattendi għall-Jum Birgu li taħbat lejliet il-festa tal-Isla fis-7 ta' Settembru 2024. Ħadd mill-kunsilliera ma kien disponibli. |
| 03.03.11 | Is-Sindku ressaq ittra datata 6 t' Awissu 2024 lil Prim Ministru Onor. Robert Abela mis-sindki tal-kottonera u l-kalkara fejn urew d-diffikulta li hemm sabiex terġa issir l-avveniment ta' l-aħħar tas-sena fil-kottonera li għat tieni sena konsekuttiva kienet ta' suċċess fil-kottonera mhux biss għar-residenti tal-kottonera iżda għall-poplu Malti u Għawdxi kollu kif ukoll għat-turisti, għalhekk qed jitolbu laqgħa mal-Onor. Dr. Robert Abela sabiex flimkien issibu soluzzjoni biex dan l-avveniment jerġa' jsir. |
| 03.03.11 | Is-Sindku ressaq imejl mid-dipartiment tal-artijiet datata 16 t' Awissu 2024 dwar il-manutenzjoni tal-Pjazza Andrea Debono u tpinġija mal-ħajt fejn is-Sa. Catherine Fenech minn naħa tad-dipartiment tal-artijiet ma sabgġet l-ebda oġġeżżjoni biex issiru manutenzjoni kif hemm miktub fil-liġi. Jekk il-kunsill ser japplika mal-planning irrid jinħareġ permess għall No Objection billi l-kunsill japplika Online LC1 fuq il-link :<br><br>https://onlineportal.landsauthority.org.mt/Application /LC1 |

| | |
|---|---|
| 03.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li fit-18 ta' Settembru 2024 ser jerġgħu jibdew il-korsijiet tal-Fita għall-anzjani fis-sala tal-kunsill lokali tal-Isla mid-9am sal-11am. |
| 03.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar riċiviment mill-każintal-Banda fit-30 t' Awissu u stedina fil-5 ta' Settembru 2024 għall-kunċert fil-pjazza fejn ser ikun hemm mistiedna l-Eċċelenza Tagħha  President ta' Malta n-Nutar Myriam Spiteri Debono. |
| 03.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill kien applika sabiex issir lift fi Triq l-arkati għal Triq is-Sirena iżda l-Lands ma kienx ta l-permess lil kunsill għaliex l-art hija tal-privat għalhekk is-sindku qed jistaqsi lil kunsilliera jekk il-kunsill għandux jistaqsi lid-dipartiment għall-gvern lokali sabiex issir applikazzjoni ta expropriation għal-din l-art biex tkun tal-gvern.  Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan. |
| 03.03.15 | Is-Sindku irċieva imejl minn għand is-Sur Rodney Muscat għall-Pjanti biex jiġi imsebbaħ il-planċier tal-banda bil-pjanti mill-Project Green . |
| 03.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku applikaw għall-permess bi ħlas ta' 10 euro għall- ħofra RWP3-7794/24 għall-attivita tal- 4 ta' Settembru fi Pjazza Francesco Zahra. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament għal din it-talba ta' permess ta' trenching. |
| 03.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li fit-2 ta' Settembru ser jibdew l-attivitajiet għall-anzjani fis-sala tal-kunsill li ser issiru kull nhar ta' Tnejn.  L-anzjani qed jiġu mħeġġa sabiex japplikaw u jkollhom il-firma tat-tabib li jistgħu jattendu dawn l-attivitajiet. |
| 03.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li waqt laqgħa mal-fondazzjoni kottonera ġie diskuss in-niċċeċ ta' madwar il-kottonera sabiex jiġu restawrati mill-fondazzjoni kottonera sabiex jiġu proteti bħala wirt artna. |
| 03.03.19 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet it-talba għall-proġett mas-SEM sabiex japplikaw għall-fondi tal-EU fejn is-Sa. Ivana Legname tkun il-manager tal-proġett jekk jiġi magħzul mill-EU fejn il-Belt tal-Isla flimkien mal-Belt ta' Santa Croce di Camerino jagħmlu skambju permezz tat-torrijiet li jinsabu fl-ibliet fejn il-proġett ser ikun jismgħu La Guardiola. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan il-proġett jekk ikun ko-finanzjat mill-EU. |
| 03.03.20 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet it-talba li fil-kunsill Lokali tal-Isla tinhass il-ħtieġa li tinħareġ sejħa għall-Ass. Principal fi Skala 11, fejn l-ewwel sejħa ssir b'mod intern fl-istess Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |

| | |
|---|---|
| 03.03.21 | Is-Sindku ressaq imejl datata 19 t' Awissu 2024 fejn ser issir żjara mill-Onor. Glenn Bedingfield fit-12 ta' Settembru. |
| 03.03.22 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet kopji permezz ta' imejls tad-dokumenti tat-tenders tal-Bulky, tal-Knies u tas-soft Areas fi Ġnien il-Gardjola li ser jiġu imtella' fuq is-sistema tal-EPPS f' Settmebru. Il-Kunsill lokali ser jiġbor kwotazzjonijiet sabiex issiru cctv bil-fondi tal-LESA. Il-kunsilliera unanimament qablu ma dawn is-sejħiet imsemmija. |
| **03.04** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 03.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Joeline Attard nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk jistax is-Sur Arthur Perici flimkien mas-Sur Robert mill-Macedonia japplikaw sabiex isisr skambju ta' football tournament mill-fondi tal-EU.<br><br>Is-Sindku irrisponda li ser ikellem lis-Sur Arthur Perici dwar din it-talba min-naħa tas-Sur Robert mil-Belt ta' Karpos Macedonia. |
| 03.04.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk jistgħax issir railing fi Triq Sant Anġlu ?<br><br>Is-Sindku wieġeb li ser jiċċekja dwar dan ir-railing. |

| | |
|---|---|
| 03.04.03 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk jistgħux issiru bollards orange fuq il-yellow lines fi Triq D'homedes.<br><br>Is-sindku wieġeb li ser issiru dawn il-bollards mil-ħaddiema tal-kunsill. |
| **03.05** | **Rapporti** |
| 03.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Lulju 2024 u l-petty cash ta' Lulju 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **03.06** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 03.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 8/2024 (2/2024) għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **03.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 03.07.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024 fit-3:30pm |

Konfermati, illum 30 ta' Settembru 2024

IFFIRMATA_______
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv